MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Numru. 615/2002

Il-Pulizija
(Spettur Chris Galea Scannura)
vs
Joseph Mizzi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Mizzi, imwieled fis-26 ta' Lulju, 1954 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 571554(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Gunju u s-17 ta' Gunju 2002 gewwa Hal-Qormi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijet fuq il-persuna ta' Francis Xavier Cuschieri u dan skond kif iccertifika it-Tabib David Fenech MD tal-Floriana Health Centre ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli fuq il-vettura Peugeot 306 Saloon numru tar-registrazzjoni HAO126, liema ammont huwa izjed minn hames mitt lira;

Talli fl-istess data u cirkustanzi hebb ghall-imsemmija persuna sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmlilha hsara u ukoll talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor;

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna imsemmija aktar ‘il fuq u dan skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi kien qieghed jirrizerva jekk iwiegibx ghad-domanda jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Rat il-verbal tad-difiza tas-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2003. Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ Jannar, 2003;

Il-Qorti rat ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur tad-29 ta’ Jannar, 2003 fejn l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-provi li kellu huwa kien ressaqhom u li ma kellu l-ebda provi ohrajn fil-konfront tal-imputat odjern;

Illi in vista tal-fatt illi l-imputat ma tax il-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti, il-Qorti illum trid tiddeciedi jekk hemm ragunijiet prima facie sabiex l-imputat jitqieghed taht Att ta’ Akkuz;

Illi l-qorti ezaminat kif diga intqal ix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni u senjatament ix-xhieda tal-istess kwerelant Francis Xavier Cushieri moghtija fit-8 ta’ Jannar, 2003.  Dakinhar Cuschier xehed illi fil-jum, hin u

lok kif imsemmi fl-imputazzjoni kellu xi jghid f'hanut f'Hal-Qormi ma iben l-imputat, kien hareg mill-hanut, dahal fil-karozza tieghu u ftit tal-hin wara kien gie f'karozza ohra l-imputat u ibnu iehor. Meta kien fil-karozza Cuschieri beda jisma hafna hsejjes u inkissritlu l-windscreen tal-karozza tieghu. Pero' huwa iddikjara bil-gurament tieghu li ma kienx jaf min kien kissirlu din il-windscreen. Cuschieri iddikjara illi l-imputat odjern ma kellu xejn x'jaqsam mal-incident kollu illi huwa kien garrab u xehed ukoll illi irrizultalu illi l-imputat ma kienx il-persuna li kien hareg banketta mill-hanut u kien laqatlu l-vettura tieghu, imma kien xi haddiehor illi huwa ma kienx gharfu. Cuschieri xehed ukoll illi meta kien mar jirrapporta lill-pulizija dak li kien gralu kien semma li kien qieghed jissuspetta fl-imputat u f'uliedu, mhux ghaliex kellu xi provi fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi, imma ghaliex kien rah fuq ix-xena tad-delitt u xejn aktar.

Illi Dr Giglio ghall-imputat esebixxa skrittura privata a fol. 26 tal-process minn fejn jirrizulta illi Francis Xavier Cuschieri iddikjara illi Joseph Mizzi l-imputat ma kien bl-ebda mod involut fl-incident odjern.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat l-Artikolu 401 tal-Kap. 9 u tara illi l-kumpilazzjoni ghandha tinghalaq fi zmien xahar u meta tinghalaq il-kumpilazzjoni l-Qorti trid tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Wara li ezaminat il-provi kollha imressqa mill-prosekuzzjoni il-Qorti tara illi ma jezistux ragunijiet sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Multo magis ma jezistux ragunijiet **<u>bizzejjed</u>** biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tordna l-liberazzjoni tieghu.

Il-Qorti tordna illi l-atti tal-kumpilizzjoni flimkien mal-oggetti li kellhom x'jaqsmu mad-delitt jigu mibghuta fi zmien tlett ijiem tax-xoghol lill-Avukat Generali.

---------------------------------TMIEM---------------------------------